DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2022/217

tal-15 ta' Frar 2022

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/41 (ATALANTA/3/2022)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) (il-"Kmandant tal-Forza tal-UE").

(2) Fl-10 ta' Jannar 2022, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/41 ([2]) li taħtar lill-Komodor João Paulo SILVA PEREIRA bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE.

(3) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għal Atalanta rrakkomanda l-ħatra tal-Kaptan (Forza Navali) Fabrizio BONDI bħala l-Kmandant il-ġdid tal-Forza tal-UE mis-17 ta' Marzu 2022. L-awtoritajiet Taljani indikaw li l-Kaptan (Forza Navali) Fabrizio BONDI ser jiġi promoss għal Viċi Ammirall mal-ħatra tiegħu bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.

(4) Fis-17 ta' Jannar 2022, il-Kumitat Militari tal-UE qabel ma' dik ir-rakkomandazzjoni.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/41 titħassar.

(6) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Viċi Ammirall Fabrizio BONDI huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) mis-17 ta' Marzu 2022.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/41 hija b'dan imħassra.

([1]) ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2022/41 tal-10 ta' Jannar 2022 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1184 (ATALANTA/1/2022) (ĠU L 9, 14.1.2022, p. 1).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-17 ta' Marzu 2022.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Frar 2022.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
D. PRONK